

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

C 216

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

14 ta' Settembru 2007

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Qorti ta' l-Awdituri

2007/C 216/01

Opinjoni Nru 4/2007 dwar abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1653/2004 dwar regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jistabbilixxi l-istatut ta' aġenziji eżekuttivi li jkunu fdati b'ċerti ħidmiet fit-tmexxija ta' programmi tal-Komunità (SEC(2007) 492 Finali)

1

2007/C 216/02

Opinjoni Nru 6/2007 dwar it-taqsiriet annwali ta' l-Istati Membri; id-"dikjarazzjonijiet nazzjonali" ta' l-Istati Membri; u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi ta' l-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika

3



I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-QORTI TA' L-AWDITURI

OPINJONI Nru 4/2007

**dwar abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1653/2004
dwar regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament tal-Kunsill
(KE) Nru 58/2003 li jistabbilixxi l-istatut ta' aġenziji eżekuttivi li jkunu fdati b'ċerti ħidmiet
fit-tmexxija ta' programmi tal-Komunità (SEC(2007) 492 Finali)**

(2007/C 216/01)

IL-QORTI TA' L-AWDITURI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li waqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut ta' aġenziji eżekuttivi li jkunu fdati b'ċerti ħidmiet fit-tmexxija ta' programmi tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004, dwar regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jistabbilixxi l-istatut ta' aġenziji eżekuttivi li jkunu fdati b'ċerti ħidmiet fit-tmexxija ta' programmi tal-Komunità ⁽³⁾,

Wara li kkunsidrat il-proposta għal abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 dwar regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE)

Nru 58/2003 li jistabbilixxi l-istatut ta' aġenziji eżekuttivi li jkunu fdati b'ċerti ħidmiet fit-tmexxija ta' programmi tal-Komunità ⁽⁴⁾,

Wara li kkunsidrat talba għal opinjoni mressqa lill-Qorti ta' l-Awdituri mill-Kummissjoni fil-25 t'April 2007,

ADOTTAT DIN L-OPINJONI:

1. L-oġġettiv ta' l-abbozz ta' regolament huwa li jemenda r-regolament finanzjarju standard ta' l-aġenziji eżekuttivi ⁽⁵⁾ (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-regolament finanzjarju standard"), wara l-emendi magħmula fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 lir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, u fid-dawl ta' l-esperjenza mikusba ta' l-aġenziji eżekuttivi eżistenti.

2. L-Artikolu 20 ta' l-abbozz ta' regolament jipprovdi li, minbarra li tgħaddi l-baġits u l-baġits ta' emenda għal informazzjoni lill-awtorità baġitarja, il-Qorti ta' l-Awdituri u l-Kummissjoni u tippubblikahom fil -websajts ikkonċernati, "taqsira tal-baġits

⁽¹⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽⁴⁾ SEC(2007) 492 finali tal-25.4.2007.

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6).

u l-baġits ta' emenda għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fi żmien tliet xhur minn meta jkunu adottati". Biex jiġi kkunsidrat il-prinċipju tat-trasparenza baġitarja, imma, ikun xieraq li jiġi speċifikat l-ambitu u l-kontenut tas-sommarju li għandu jiġi ppubblikat mill-aġenziji eżekuttivi.

3. L-ewwel sotto-paragrafu tal-paragrafu 27 jgħid illi "*l-atturi finanzjarji kollha (...) u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-verifika jew il-kontroll tal-baġit għandhom ikunu pprojbti milli jieħu kwalunkwe miżuri ta' implimentazzjoni tal-baġit li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk ta' l-aġenzija jew tal-Komunitajiet*". It-terminu "ta' implimentazzjoni tal-baġit" (bħal fl-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju) għandu

jiġi mħassar jew dan l-Artikolu jiġi ddiżinjat mill-ġdid, minħabba li persuni involuti fix-xogħol ta' verifika u kontroll m'għandhomx jieħdu miżuri ta' implimentazzjoni tal-baġit.

4. Il-verżjoni Franċiża ta' l-Artikolu 42(a) l-ġdid ta' l-abbozz tar-regolament finanzjarju standard tgħid illi l-Aġenzija għandha tistabilixxi lista ta' *créances communautaires* (intitolamenti ta' l-Aġenzija) li turi l-ismijiet tad-debituri u l-ammont tad-dejn, fejn id-debitur ikun ġie ordnat iħallas b'deċiżjoni tal-Qorti li jkollha s-saħħa ta' *res judicata* u fejn l-ebda hłas, jew l-ebda hłas sinifikanti, ma jkun sar matul sena mill-pornunzja tagħha ⁽¹⁾. L-espressjoni "*créances communautaires*" ("intitolamenti ta' l-Aġenzija") hija eċċes-sivament ġenerali; għandu jiġi speċifikat illi l-intitolamenti konċernati huma biss dawk inklużi fil-baġit operattiv ta' l-aġenziji eżekuttivi.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Lulju 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ Hemm dispożizzjoni simili fir-Regoli ta' l-Implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju ġenerali (ara l-Artikolu 81(4) tar-Regoli ta' l-Implimentazzjoni).

OPINJONI Nru 6/2007

dwar it-taqsiriet annwali ta' l-Istati Membri; id-“dikjarazzjonijiet nazzjonali” ta' l-Istati Membri; u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi ta' l-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika

(ipprezentata skond l-Artikolu 248(4), it-tieni paragrafu, it-Trattat KE)

(2007/C 216/02)

IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 248(4) u 279 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 160 C, il-paragrafu 4, u l-Artikolu 183 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Opinjoni tal-Qorti Nru 2/2004 dwar “il-mudell ta' verifika waħda” (u proposta tal-Kummissjoni għall-qafas tal-kontroll intern Komunitarju) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas ta' kontroll intern integrat ⁽³⁾, b'mod partikolari l-Azzjonijiet 5, 6 u 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kwittanza għall-2005 — Sezzjoni III — il-Kummissjoni ⁽⁴⁾, b'mod partikolari l-punti 19 sa 30 tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-11 ta' Diċembru 2006 tal-Kumitat ta' Kuntatt ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika ta' l-Unjoni Ewropea dwar it-tisħiħ u l-faċilitazzjoni tal-koperazzjoni bejn is-SAs ta' l-UE biex jikkontribwixxu għat-titjib tar-responsabilità tal-fondi tal-Komunità ⁽⁵⁾, b'mod partikolari l-punt 9 tagħha,

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

I. Din l-opinjoni tkopri tliet kwistjonijiet differenti imma relatati. L-ewwel hija r-rekwiżit il-ġdid introdott mir-Regolament Finanzjarju revedut għal taqsiriet annwali ta' verifiki u opinjonijiet meħtieġa mir-regolamenti settorali (bħal dawk dwar l-aġenziji li jagħmlu l-pagament, u dawk maħruġa mill-awtoritajiet

tal-verifika fil-każ tal-Fondi Strutturali). It-tieni hija d-dikjarazzjonijiet nazzjonali minn xi awtoritajiet ta' l-Istati Membri, immedija bħala inizjattivi volontarji fil-kuntest tar-responsabilità lejn il-parlamenti nazzjonali, u vverifikati mill-korpi nazzjonali tal-verifika rispettivi. It-tielet hija r-rapporti volontarji u ċ-ċertifikati ta' korpi nazzjonali tal-verifika dwar il-ġestjoni tal-fondi ta' l-UE fl-Istati Membri tagħhom.

Taqsiriet annwali

II. It-taqsiriet annwali tal-verifiki settorjali u d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni (opinionijiet) introdotti mir-Regolament Finanzjarju revedut jirrappreżentaw rabta addizzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'mudell ibbażat fuq katina. L-ewwel taqsiriet annwali huma mistennija sal-15 ta' Frar 2008, fir-rigward ta' l-2007.

III. Il-Kummissjoni għandha jkollha sorveljanza xierqa tat-taqsiriet annwali — li l-kwalità tagħhom ser tiddependi fuq il-kwalità tad-dikjarazzjonijiet li ser ikunu l-bażi tagħhom — sabiex tassigura li huma konsistenti, kumparabbli u ta' użu. Fil-waqt li l-leġiżlazzjoni tirrestrinġi t-taqsiriet annwali għal sempliċi taqsiriet speċifiċi għas-settur, il-Kummissjoni għandha tiġi nkor-agguta biex tippromwovi l-valur miżjud fil-proċess, bħall-identifikazzjoni tal-problemi komuni, soluzzjonijiet possibbli u l-aħjar Prattika.

IV. It-taqsiriet annwali huma element addizzjonali tal-kontroll intern. Jekk dawn juru l-punti ta' saħħa u n-nuqqasijiet dawn jistgħu jstimulaw kontroll aħjar tal-fondi ta' l-UE f'oqsma ta' ġestjoni komuni.

Dikjarazzjonijiet nazzjonali

V. Id-dikjarazzjonijiet nazzjonali huma inizjattivi volontarji ta' ċerti Stati Membri mogħtija mill-ogħla livell u indirizzati lill-parlamenti nazzjonali. Jekk id-dikjarazzjonijiet nazzjonali jip-provdex informazzjoni addizzjonali ta' użu ser jiddependi fuq l-iskop u l-kwalità tax-xogħol li huma bbażati fuqu.

⁽¹⁾ ĠU C 107, 30.4.2004.⁽²⁾ ĠU L 390, 30.12.2006.⁽³⁾ COM(2006) 9 finali.⁽⁴⁾ P6_TA(2007)0132.⁽⁵⁾ Riżoluzzjoni CC-R-2006-01.

VI. Billi jiffikaw u juru r-responsabilità nazzjonali għall-użu tal-fondi ta' l-UE taħt ġestjoni komuni huma intiżi biex iwasslu għall-ġestjoni aħjar. Id-dikjarazzjonijiet nazzjonali jistgħu jkunu kkunsidrati bħala element ġdid ta' kontroll intern, u l-Kummissjoni u l-Qorti għandhom jikkunsidrawhom b'dan il-mod.

Xogħol nazzjonali ta' verifika

VII. Xi korpi nazzjonali tal-verifika jivverifikaw fondi ta' l-UE fuq inizjattiva tagħhom stess u għal raġunijiet ta' rappurtar nazzjonali. F'każ minnhom il-korp tal-verifika nazzjonali jagħti opinjoni dwar il-konformità tas-sistemi mar-regolament u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

Kondizzjonijiet u limitazzjonijiet għall-użu ta' l-assigurazzjoni potenzjali

VIII. Il-Qorti tifhem li jista' jkun possibbli li tuża l-assigurazzjoni potenzjali mogħtija mid-dikjarazzjonijiet nazzjonali vverifikati u x-xogħol nazzjonali tal-verifika, filwaqt li tirrispetta l-ħtiġijiet ta' l-istandards internazzjonali tal-verifika. Bħala kondizzjoni minn qabel għall-użu ta' l-assigurazzjoni potenzjali, id-dikjarazzjonijiet nazzjonali jew xogħol nazzjonali tal-verifika jeħtieġu li jkunu ta' ambitu, approċċ, u f'ħin xieraq u jitwettqu skond l-istandards internazzjonali.

IX. Fir-rigward ta' l-osservanza ta' l-istandards internazzjonali tal-verifika, joħroġ rekwiżit wieħed importanti: **l-awditur estern li jixtieq iserraħ fuq, jew juża, l-opinjoni jew ix-xogħol ta' l-oħrajn irid jikseb evidenza diretta tal-bażi soda ta' dak ix-xogħol.** Il-ħin meħud mill-Qorti biex tikseb tali evidenza għandu jkun imqabbel mal-ħin frankat permezz ta' tnaqqis fl-ittestjar dirett (jew proċeduri oħra) fil-qasam tal-verifika.

X. In-natura "nazzjonali" tad-dikjarazzjonijiet nazzjonali u x-xogħol nazzjonali tal-verifika jikkontrasta man-natura attwali orizzontali tax-xogħol tal-Qorti fejn il-konklużjonijiet huma ġeneralment mogħtija skond il-qasam tal-baġit aktar milli skond l-istat membru individwali. Biex ikollhom impatt potenzjali fuq ix-xogħol tal-Qorti d-dikjarazzjonijiet nazzjonali jew ix-xogħol nazzjonali tal-verifika jeħtieġ li jkun ta' ambitu, approċċ u f'ħin xieraq u kumparabbli. Iżda, indipendentement mill-użu ta' dan ix-xogħol mill-Qorti, hija tirrikonoxxi l-effett potenzjali li dikjarazzjonijiet nazzjonali u x-xogħol nazzjonali tal-verifika jqajmu kuxjenza fl-Istati Membri ta' l-importanza tal-kontroll intern fuq fondi ta' l-UE.

XI. Kemm l-opinjoni settorali (li huma bbażati fuqhom it-taqsiriet annwali) u l-bosta dikjarazzjonijiet nazzjonali u inizjattivi tal-verifika għandhom karatteristika komuni: dawn jeżaminaw u jikkonkludu fuq is-sistemi. Id-dikjarazzjonijiet nazzjonali jistgħu jipprovdu wkoll opinjonijiet speċifiċi dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. L-esperjenza tissuġġerixxi

li r-rikju prinċipali għal dawn imsemmija l-aħħar qiegħed fl-affidabilità ta' l-informazzjoni mogħtija mill-benefiċjarji meta jitolbu fondi ta' l-UE, mhux il-mod kif l-informazzjoni hija proċessata fl-Istati Membri jew fil-Kummissjoni. Dikjarazzjoni li s-sistemi qed jaħdmu kif meħtieġ mir-regolamenti ta' l-UE minnha nnifisha tista' ma tippovdix assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati.

Approċċ tal-verifika

XII. Li jkunu parti integrali tas-sistema ta' kontroll intern ifisser li t-taqsiriet annwali ser ikunu integrati fil-proċeduri ta' l-istandards tal-verifika tal-Qorti. Dan jista' jinkludi evalwazzjoni tal-kontribut li t-taqsiriet annwali jagħtu lill-kontroll intern b'mod ġenerali u kif il-Kummissjoni ġġesti l-proċess u tuża l-informazzjoni li huma jipprovdu għar-rwol ta' sorveljanza tagħha.

XIII. Fok minnhom għall-approċċ tal-Qorti lejn dikjarazzjonijiet nazzjonali jew xogħol nazzjonali tal-verifika għandu jkun l-impatt tagħhom, u l-użu mill-persuna prinċipali li qed tiġi vverifikata — il-Kummissjoni. Dan jista' jinkludi evalwazzjoni ta' kif il-Kummissjoni tippovdi gwida, kif tikkunsidra s-sejbiet, kif tassigura ruħha mill-affidabilità tagħhom, u kif tadatta l-attivitatijiet ta' kontroll tagħha b'risposta għalihom.

XIV. F'dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, għandha ssir distinzjoni bejn id-dikjarazzjonijiet nazzjonali nnifishom, u dikjarazzjonijiet nazzjonali vverifikati mill-korpi nazzjonali tal-verifika. Id-dikjarazzjonijiet nazzjonali għandhom xi karatteristiċi komuni mar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment: jistgħu jkun fihom informazzjoni prezjuża dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-UE, imma minnhom infushom ma jikkostitwixxux evidenza konklużiva tal-verifika. Anqas ma hija r-responsabilità tal-Qorti li tivverifika l-affidabilità tagħhom, jekk mhux għax il-Qorti tixtieq tużhom.

XV. Opinjonijiet prodotti mill-korpi nazzjonali tal-verifika fuq is-sistemi u/jew il-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq, sewwa jekk freestanding jew inkella opinjonijiet fuq dikjarazzjonijiet nazzjonali, jistgħu jikkostitwixxu evidenza tal-verifika li l-Qorti tista' tafda fuqha, soġġetta għall-istandards internazzjonali tal-verifika. Il-Qorti ser tikkunsidrahom meta tippjana u ttwettaq ix-xogħol tagħha.

XVI. Fil-prattika, l-assigurazzjoni provduta fuq is-sistemi tista' tintuża fl-ippjanar ta' verifiki finanzjarji/ta' konformità kemm fl-evalwazzjoni tar-riskju tal-kontroll u fl-applikazzjoni ta' mudell tal-verifika ta' l-assigurazzjoni. Jekk jiġi ttestjat u jinstab li huwa affidabbli x-xogħol tal-korpi nazzjonali tal-verifika jista' jkun użat mill-Qorti fil-kuntest tas-sistema tagħha propjra ta' l-ittestjar — inklużi t-testijiet tal-kontroll — li jnaqqsu potenzjalment l-ammont ta' ttestjar sostantiv meħtieġ.

XVII. Kif ġie spjegat hawn fuq, jekk il-Qorti għandha sserraħ fuq ix-xogħol tal-korpi nazzjonali tal-verifika hija ser teħtieġ li tisodisfa ruħha dwar jekk ix-xogħol imwettaq huwiex xieraq u ta' kwalità. Fil-prattika dan jeħtieġ koperazzjoni bejn il-Qorti u l-korpi nazzjonali tal-verifika b'mod bilaterali.

Avvanz 'l quddiem

XVIII. Sabiex tikkontribwixxi għall-tmexxija aħjar il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-użu tat-taqsiriet annwali biex tidentifika, u tippromwovi, l-aħjar Prattika fl-Istati Membri (u bejniethom). Il-Kummissjoni għandha teżamina r-relazzjoni bejn il-konformità tas-sistemi mar-regolament u l-kriterji użati biex

tiġġudika l-livell aċċettabbli ta' legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi permezz ta' opinjonijiet settorjali li fuqhom huma bbażati t-taqsiriet annwali u d-dikjarazzjonijiet nazzjonali.

XIX. L-approċċ għall-verifika tal-fondi ta' l-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika qed jiġi indirizzat fil-mandat tal-Grupp ta' Xogħol tal-Kumitat ta' Kuntatt responsabbli mill-iżvilupp ta' standards komuni tal-verifika u kriterji tal-verifika komparabbli mfassla għall-qasam ta' l-UE ⁽¹⁾. Standards ta' approċċ u metodi komuni jistgħu jżidu l-potenzjal għall-Qorti biex isserraħ fuq ix-xogħol tal-korpi nazzjonali tal-verifika, soġġett għall-bżonn li tiġbor evidenza diretta tal-kwalità ta' dak ix-xogħol.

Dan l-opinjoni ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-19 ta' Lulju 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni CC-R-2006-01 tal-Kumitat ta' Kuntat ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika ta' l-Unjoni Ewropea, 11.12.2006.